# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
## Ġurisdizzjoni Superjuri
## Sezzjoni Ġenerali

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana**
**LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 25 ta' April, 2025**

**Rikors Ġuramentat numru:- 19/2024 BS**

**Joan Calleja, f'isimha proprju u f'isem l-imsefrin Michael Sultana, Charles Sultana, Charles Sultana, William Sultana, Maryann Grundy, u Charles Sultana; Anna Zammit; Rita Chetcuti; Elizabeth sive Betty Xerri f'isimha proprju u f'isem l-imsefrin Elena sive Helen Cefai, Joseph Pace, Maria Borg, Antonia Garzia Stafrace; Leanne Pace; Emanuel Cini; Carmelo sive Charles Cini; Modesta sive Maudie Cini**

**-vs-**

**Michael Cremona u Angela Sultana**

*Sentenza in parte*

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Guramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1. *Illi permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Anna Maria Mizzi tat-3 ta' Mejju, 2023 giet diviza fizikament permezz ta' konfini u*

[1] Rik. Ġur. A fol 1 sa 8 b'dokumenti a fol 9 sa 66.

*konfigurazzjonijiet cari l-art maghrufa bhala tal-Pergla, limiti tax-Xaghra, Ghawdex;*

2. *Illi d-delinjazzjonijiet u l-ambjenti tal-art in kwistjoni huma cari u fil-fatt huma riflessi fi pjanti li gew redatti mill-Perit Alexei Pace, liema perit tekniku gie mqabbad fuq ordni tal-Qorti peress li l-kuntratt huwa rizultat ta' kawza ta' divizjoni fl-ismijiet Michael Cremona et vs Victoria Pace et noe (cit. Nru. 221/1995) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali;*

3. *Illi l-art assenjata fil-kuntratt ta' divizjoni hawn fuq imsemmi, giet assenjata permezz ta' kuntratt pubbliku;*

4. *Illi l-imsemmija fuq l-art assenjata minnkhom lill-atturi gie garantit il-pacifiku pussess u reali godiment tal-immobbli assenjat;*

5. *Illi intom ghamiltu tajjeb ghall-imsemmija garanzija tal-pacifiku pussess b'ipoteka fuq il-beni taghkom kollha prezenti u futuri in generali favur l-atturi;*

6. *Illi apparti hekk gie iskritt ukoll il-privilegg specjali spettanti lilhom skond il-ligi fuq il-beni in divizjoni;*

7. *Illi minkejja l-istipulazzjonijiet cari li saru permezz ta' l-att pubbliku hawn fuq imsemmi, il-konvenuti xorta wahda baqghu fil-pussess tal-art li giet assenjata lill-atturi u li l-istess konvenuti qeghdin jokkupaw parti sostanzjali mill-art assenjata lill-istess atturi;*

8. *Illi dan imur kontra l-istess garanzija tal-pacifiku pussess moghtija mill-konvenuti lill-atturi;*

9. *Illi l-konvenuti barra minn hekk huma obbligati li jiggarantixxu l-pacifiku pussess u reali godiment tal-immobbli diviz u assenjat lill-atturi minbarra li obbligati li jiddefendu lill-istess esponenti kontra xi evizzjoni kompleta jew parzjali li huma jistghu jsofru fir-rigward tal-immobbli assenjat;*

10. *Illi mhux talli dan ma sarx mill-konvenuti, talli l-istess konvenuti rrifjutaw li johorgu mill-art li huma stess assenjaw lill-atturi;*

11. *Illi minhabba l-okkupazzjoni illegali tal-konvenuti, l-esponenti qeghdin isofru danni ingenti konsistenti mill-fatt li huma ma jistghux igawdu u*

*jiddisponu mill-art taghhom liberament u ma jistghux jibbenefikaw minn ghoti ta' fondi pubblici;*

12.*Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti diversi drabi, kemm permezz ta' rikorsi fl-atti tal-kawza li bis-sahha taghha sar il-kuntratt ta' divizjoni, kif ukoll permezz ta' Ittri Ufficjali Nru 459/2023 u 572/2023, b'dan pero' illi l-konvenuti rrifjutaw li jizgumbraw minn dan it-territorju;*

13.*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

14.*Illi l-esponenti jiddikjaraw li safejn jafu huma l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet tal-atturi.*

***Talbu għalhekk lill din il-Qorti sabiex:***

1. *Tiddisponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda dritt li jokkupaw xi parti mill-porzjon diviza mill-art maghrufa bhala "Tal-Pergla l-Kbira" formanti parti mit-territorju maghruf "Tal-Pergla" limiti Xaghra, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka erba' u hamsin elf, u mija u sitta u tmenin metru kwadru (54,186m.k.) akkwistata mill-atturi bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anna Maria Mizzi tat-3 ta' Mejju, 2023 fuq imsemmi u konsegwentement l-okkupazzjoni da parti taghhom ta' parti minn din l-art hija wahda abbuziva u bla ebda dritt;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jizgumbraw minn kull parti minn din l-istess art li l-konvenuti qeghdin effettivament jokkupaw u jhalluha a libera dispozizzjoni tal-atturi;*

*Bl-ispejjez inkluz tal-Ittri Ufficjali Nru. 459/2023 u 572/2023 kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

[2] Risposta ġuramentata a fol 150 u 151.

1. *Illi l-konvenuta Angela Sultana ma hijiex il-legittmu kuntradittrici stante li qatt ma kella xi pretensjoni simili ghal dawk msemmija fir-rikors guramentat u ghalhekk ghandha tigi liberata minn l-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi Michael Cremnona igawdi titolu validu fil-ligi u cioe titolu ta' qbiela fuq ir-raba de quo.*

3. *Illi dan it-titolu ta' qbiela huwa ikkonfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri tat-18 ta' Marzu 1994 fl-ismijiet Eucharist Cini vs Michael Cremona (40/90).*

4. *Illi peress li si tratta minn qbiela din il-Qorti ma hix il-foro kompetenti sabiex tiddikjara jekk il-qbiela ghadiex vigenti jew le.*

5. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-garanzija tal-pacifiku pussess li jaccennaw ghaliha l-atturi ma hijiex ekwivalenti ghal pusess vakant izda hija relattiva ghat-titolu.*

6. *Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.*

7. *Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Michael Cremona li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat promotur tal-atturi konsistenti, *inter alia*, fis-segwenti: [**i**] att ta' diviżjoni datat it-3 ta' Mejju, 2023 in atti Nutar Anna Maria Mizzi, li fuqu dehru l-partijiet kontendenti kollha;[3] [**ii**] żewġ ittri uffiċjali, waħda bin-numru 459/2023 datata l-20 ta' Ġunju, 2023 u oħra bin-numru 572/2023 datata t-2 ta' Awwissu, 2023, ilkoll spediti mill-atturi odjerni lill-konvenuti odjerni jew min minnhom;[4] [**iii**] dikjarazzjoni ġuramentata tal-attur Emanuel Cini;[5] [**iv**] kopja tad-deċiżjoni numru 221/95 mogħtija fl-ismijiet *Michael Cremona et vs Victoria Pace et* minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-30 ta' Mejju, 2008,[6] u; [**v**] varji digrieti u verbali li segwew tali deċiżjoni u ngħataw

[3] Kopja vera tal-att a fol 9 sa 22 bi prokuri varji a fol 23 sa 54.
[4] Ittra a fol 60 sa 62 u ohra a fol 63 sa 66.
[5] Dikjarazzjoni ġuramentata a fol 67 u 68.
[6] Deċiżjoni a fol 71 sa 77.

minn din il-Qorti kif presjeduta;[7] [**vi**] relazzjoni rilaxxata mill-perit tekniku, il-Perit Alexei Pace, fl-atti tal-istess deċiżjoni numru 221/95;[8]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2024, wara li din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet, ġie deċiż li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu b'dan li ġew awtorizzati jippreżentaw risposta ġuramentata.[9]

**Rat** li r-risposta ġuramentata tal-konvenuti ġiet ippreżentata fis-6 ta' Awwissu, 2024.[10]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tad-9 ta' Awwissu, 2024 li bih, wara li taw spjega dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tardivita' fil-preżentazzjoni tar-risposta ġuramentata tagħhom, talbu li tali risposta tkun ammessa minkejja li ġiet ippreżentata tardivament.[11]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tat-2 ta' Settembru, 2024 għar-rikors tal-konvenuti tad-9 ta' Awwissu, 2024.[12]

**Rat** li fl-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2025 il-kawża ġiet differita għas-sentenza, kjarament dwar il-kwistjoni tal-kontumaċja tal-konvenuti.[13]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**L-Avv. Dr. Kevin Mompalao**, dwar il-potenzjali kontumaċja tal-konvenuti, xehed[14] li l-proċeduri odjerni oriġinaw bħala proċeduri

[7] Digriet a fol 78 u 79, digrieta a fol 80, verbal a fol 82 u 83.
[8] Relazzjoni a fol 84 sa 106.
[9] Verbal a fol 149.
[10] Ref.: timbru tar-reġistru tal-Qorti a fol 150.
[11] Rikors a fol 152 b'anness miegħu ċertifikat mediku a fol 153.
[12] Risposta a fol 156 sa 158.
[13] Ref.: rikros tal-konvenuti tad-9 ta' Awwissu, 2024 a fol 152 *et seq*, risposta tal-atturi tat-2 ta' Settembru, 2024 għall-istess rikors tal-konvenuti – partikolarment l-aħħar paragrafu tal-istess – risposta a fol 156 *et seq*, verbal tal-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2024 a fol 161
[14] Traskrizzjoni a fol 166 u 167.

"giljottina" li l-konvenuti kkontestaw validament tant li ġew awtorizzati jressqu risposta ġuramentata.

Jgħid li huwa kien qal lill-konvenut ikellmu wara l-għoxrin (20) tax-xahar, b'dan li l-istess konvenut kien ċempillu jinfurmah li kien marid bil-*Covid-19*. Iżid li hu kien għalhekk qal lill-konvenut ma' jersaqx għandu kemm idum marid u tah struzzjonijiet sabiex jottjeni ċertifikat mediku.

Jgħid li l-konvenut kien b'hekk mar għandu xi ġimgħa wara fejn hu għaddielu r-risposta ġuramentata sabiex imur biha r-reġistru tal-Qorti flimkien ma' rikors sabiex jiġġustifika t-tardivita'.

**In kontro-eżami**, xehed[15] li huwa kien qal lill-konvenut ikellmu wara l-għoxrin (20) tax-xahar sabiex ikunu fit-terminu biex jippreżentaw ir-risposta ġuramentata. Iżid li l-konvenut kien fil-fatt kellmu iżda qallu li kien ma' jiflaħx. Jgħid li hawn u qal lill-konvenut jara l-affarijiet tiegħu mbagħad jerġa jkellmu. Iżid li l-konvenut kien għalhekk kellmu l-għada jew jumejn wara fejn ikkonfermalu li kien marid bil-*Covid-19*.

Jgħid li hu qal lill-konvenut sabiex għal Qorti jġib ċertifikat mediku.

Jgħid li r-risposta ġuramentata kienet lesta għandu. Jgħid li meta l-konvenut mar ġabar l-istess huwa ħejjielu wkoll rikors dwar it-tardivita'. Iżid li jidhirlu li r-risposta u r-rikors ġew preżentati kontestwalment.

Mgħarraf li fil-fatt ir-risposta u r-rikors ma' ġewx preżentati kontestwalment iżda hemm tlett'ijiem bejniethom, jgħid li dak ġara stante li r-risposta kienet lesta mentri r-rikors sar wara li l-konvenut ġablu ċ-ċertifikat mediku.

Mistoqsi jafx li bħala konvenuti hemm kemm Michael Cremona kif ukoll oħtu Angela Sultana jgħid li Angela lilu qatt ma' kellmitu b'dan li Michael dejjem tkellem għaliha wkoll.

Jgħid li hu prepara r-risposta ġuramentata fiż-żmien li t-terminu effettiv għal-preżentata tagħha kien għadu għaddej. Iżid li minkejja dan lill-konvenut tagħhilu wara li għaddha t-terminu effettiv minħabba li l-istess konvenut kien ma' jiflaħx.

[15] Traskrizzjoni a fol 168 sa 173.

Jgħid li kien jaf minn qabel li t-terminu għal-preżentazzjoni tar-risposta kien ser ikun għaddha tant li struwixxa lill-konvenut jottjeni ċertifikat mediku.

Mistoqsi għalfejn ma ħejjix ir-rikors sabiex jgħaddi l-istess lill-klijent tiegħu mar-risposta ġjaladarba kien jaf minn qabel li ż-żmien għal preżentazzjoni kien ser ikun għaddha jgħid li għax ried iċ-ċertifikat mediku f'idejh.

**Michael Cremona**, konvenut, xehed[16] dwar il-potenzjali kontumaċja.

Jgħid li l-preżentazzjoni tar-risposta ġuramentata saret tardivament stante li huwa marad bil-*Covid-19*. Iżid li t-tabib ordnalu jibqa' ġewwa bejn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju u l-ħamsa (5) ta' Awwissu.

Jgħid li kien għalhekk li huwa ċempel lid-difensur legali tiegħu, l-Avv. Mompalao li qallu ma' jersaqx lejn l-uffiċju qabel ikun f'saħħtu.

**In kontro-eżami**, xehed[17] li wara s-seduta fil-Qorti l-ewwel li kellem lill-Avv. Mompalao kien qabel l-24 ta' Lulju. Iżid li hawn infurmah li kien ma' jiflaħx u hu qallu jġib tabib. Jgħid li huwa ħassu ma' jiflaħx xi ġurnata qabel.

Jgħid li t-tabib qallu li kellu l-*Covid-19* u ordnalu ma' joħroġx bejn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju u l-ħamsa (5) ta' Awwissu.

Jgħid li t-tabib mar jarah l-għada li ċempillu. Iżid li hu qal lit-tabib li ried ċertifikat minħabba l-Qorti.

Jaqbel li huwa seta' biss qal lill-avukat difensur tiegħu li kellu l-*Covid-19* wara li nvistah it-tabib u nfurmah bl-istess.

Jgħid li l-avukat qallu sabiex meta jirkupra jmur għar-risposta.

Jgħid li huwa qabel il-ħamsa (5) ta' Awwissu seta' biss iċempel. Iżid li t-tabib ħariġlu ċertifikat li sa fejn jaf hu ġie ppreżentat il-Qorti.

[16] Traskrizzjoni a fol 174 u 175.
[17] Traskrizzjoni a fol 175 sa 184.

**In re-eżami**, xehed[18] li t-tabib mar jarah id-dar tiegħu fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju u tah iċ-ċertifikat dakinhar stess. Iżid li ordnalu ma' joħroġx qabel il-ħamsa (5) ta' Awwissu.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehed[19] li l-kawża saret ukoll kontra ta' oħtu li toqod ix-Xagħra. Iżid li huwa lill-oħtu jkellimha u kellimha wkoll fil-perijodu tal-pandemija. Jgħid li kemm dam ma' jiflaħx bil-*Covid-19* kellimha wkoll. Jgħid li oħtu anke ħaditlu xi affarijiet id-dar kemm damm affett mill-*Covid-19*.

**Dr. Peter Muscat**, tabib mediku, xehed[20] li ċ-ċertifikat mediku a fol 153 tal-proċess ħarġu hu u huwa ffirmat minnu.

Jgħid li il-konvenut Michael Cremona kien ċempillu fil-25 ta' Lulju, 2024 u qallu li kien ilu ġranet ma jiflaħx. Iżid li hu ma setax imur jarah dakinhar u għalhekk mar l-għada, fis-26 ta' Lulju.

Jgħid li l-konvenut kellu *chest infection* u kien ilu ġranet ma jiflaħx bid-deni. Iżid li iċċekjah għall-*Covid-19* u sabu pożittiv. Iżid ukoll li tah xi mediċina kif ukoll struzzjonijiet li jibqa' d-dar.

Jgħid li l-konvenut talbu ċertifikat dakinhar stess iżda hu qallu li ma setgħax jagħtih ċertifikat dak il-ħin iżda kellu jmur għalih għandu l-klinik meta jfiq. Iżid li fil-fatt il-konvenut mar għandu fil-5 ta' Awwissu u hemm tah ċertifikat.

Jgħid li ma setgħax joħroġ ċertifikat dak il-ħin għax fil-pandemija rid imiss mill-inqas affarijiet li jista'.

**In kontro-eżami**, xehed[21] li sabiex eżamina lill-konvenut huwa mar għandu u kellu wkoll imissu. Jgħid li minkejja dan ir-regola tiegħu waqt il-pandemija kienet li joħroġ ċertifikati mediċi wara.

Jgħid li l-*Covid-19* taż-żmien in kwistjoni kien *virus* perikoluż mhux bħal dak tal-llum.

---

[18] Traskrizzjoni a fol 184 u 185.
[19] Traskrizzjoni a fol 185 sa 187.
[20] Xhieda tas-26 ta' Marzu, 2025 – traskrizzjoni mhix paġinata.
[21] *Ibid.*

Mistoqsi mill-Qorti kienitx inħarġet xi ordni dwar li joħorġu ċ-ċertifikati wara jgħid li le. Iżid li minkejja dan anke l-isptar hekk kienu jagħmlu.

Mistoqsi meta semgħa l-ewwel darba li l-konvenut kellu bżonn ċertifikat għall-Qorti jgħid li dakinhar li nvistah l-ewwel darba fis-26 ta' Lulju, 2024.

Dwar it-tul tat-terminu li fih ordna lill-konvenut jibqa ġewwa jgħid li dan kien skond ir-regolamenti li dak iż-żmien inħarġu mid-Dipartiment tas-Saħħa. Jispjega li skond l-istess kellhom jagħtu għaxar t'ijiem iżolazzjoni mindu jiċċertifikaw il-*Covid-19*.

Iżid li pazjent setgħa joħroġ mill-iżolazzjoni qabel l-għaxar t'ijiem jekk jirrepeti t-*test* tal-*Covid-19* u dan jiġi negattiv. Jgħid li l-konvenut għażel li jagħmel għaxar t'ijiem id-dar u ma' jerġax jirrepeti t-*test*.

Jgħid li fil-ħamsa ta' Awwissu, 2024 il-konvenut mar għandu u hu ħariġlu ċ-ċertifikat.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza, l-atturi ppremettew, *inter alia,* li huma akkwistaw proprjeta' partikolari magħrufa bħala *"Tal-Pergla"* u sitwata fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni tat-3 ta' Mejju, 2023 in atti Nutar Anna Maria Mizzi. Ippremettew ukoll li l-konvenuti għadhom fil-pussess ta' parti sostanzjali mill-porzjon art assenjata lilhom u dan mingħajr raġuni valida anzi, bi ksur tal-kuntratt ta' diviżjoni relattiv. Talbu għalhekk sabiex din il-Qorti tiddisponi mit-talbiet tagħhom bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, Liġijiet ta' Malta kif ukoll: dikjarazzjoni li l-konvenuti m'għandhom ebda dritt jokkupaw xi parti mill-porzjon art assenjata lilhom b'dan li kull okkupazzjoni minnhom ta' l-art *de quo* hija abbużiva u llegali, u; kundanna sabiex il-konvenuti jiżgumbraw minn kull parti tal-istess porzjon art.

Fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2024, wara li din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet, ġie deċiż li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu b'dan li ġew awtorizzati jippreżentaw risposta ġuramentata.[22] Per konsegwenza ta' dan, ġiet eżawrita l-ewwel talba attriċi għad-dispożizzjoni tat-talbiet ulterjuri tal-atturi bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, Liġijiet ta' Malta.

Ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ġiet ippreżentata fis-6 ta' Awwissu, 2024.[23] Wara dan, il-konvenuti prosegwew billi fid-9 ta' Awwissu, 2024 ippreżentaw rikors li bih, wara li taw spjega dwar ċirkostanzi partikolari għalihom, talbu li r-risposta tagħhom tkun ammessa fl-atti minkejja li kienet ġiet ippreżentata tardivament.[24]

L-atturi rrispondew għar-rikors tal-konvenuti tad-9 ta' Awwissu, 2024 b'risposta tagħhom tat-2 ta' Settembru, 2024.[25]

Din id-deċiżjoni parzjali tiddisponi mit-talba magħmulha mill-konvenuti fir-rikors tagħhom tad-9 ta' Awwissu, 2024.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Huwa ċar u ammess li r-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fis-6 ta' Awwissu, 2024 ġiet ippreżentata tardivament.

Dan jirriżulta kemm mill-ammissjoni tal-konvenuti nfishom kif kontenuta fir-rikors tagħhom tad-9 ta' Awwissu, 2024[26] kif ukoll mill-fatt li d-digriet li bih din il-Qorti awtorizzat lill-konvenuti jressqu r-risposta tagħhom wara li l-atturi kienu talbu r-riżoluzzjoni tal-azzjoni esperita minnhom bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta ingħata fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2024;[27] il-jum li fih beda għalhekk jiddekorri t-terminu ta' għoxrin (20) jum għar-risposta. It-terminu ta' għoxrin (20) jum skada għalhekk fil-31 ta' Lulju, 2024. Dan kif rikonoxxut mill-konvenuti nfishom fir-rikors tagħhom tad-

[22] Verbal a fol 149.
[23] Ref.: timbru tar-reġistru tal-Qorti a fol 150.
[24] Rikors a fol 152 b'anness miegħu ċertifikat mediku a fol 153.
[25] Risposta a fol 156 sa 158.
[26] Ref.: it-tielet (3) paragrafu tal-istess rikors li jaqra: *"Illi għalhekk teknikament huwa kellu żmien sal-31 ta' Lulju, 2024 biex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Kwindi r-risposta ġiet preżentata 5 ijiem tard."*
[27] Verbal a fol 149.

9 ta' Awwissu, 2024[28] kif ukoll mill-atturi fir-risposta tagħhom għat-tali rikors tal-konvenuti magħmulha nhar it-2 ta' Settembru, 2024.[29]

Fit-tali ċirkostanzi, il-konvenuti saru għalhekk kontumaċji b'dan iżda li sorġiet il-possibilita' li jiġġustifikaw l-istess kontumaċja.

Il-konvenuti ttentaw jiġġustifikaw tali kontumaċja billi sostnew li l-konvenut Michael Cremona ma' setgħax jippreżenta r-risposta ġuramentata fit-terminu effettiv stante li wara li ħassu ma' jiflaħx ġie dijanjostikat bil-*virus* tal-*Covid-19.*

In sostenn ta' dan, xehed il-konvenut Michael Cremona nniffsu kif ukoll id-difensur legali tiegħu u t-tabib kuranti tiegħu – it-testimonjanza ta' liema xhieda hija sintesizzata hawn aktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni.

Da parti tagħhom, l-atturi ikkontendew li f'dan il-każ il-kontumaċja għandha tkun ikkonfermata billi skonthom m'hemm ebda raġuni valida' għat-tardivita' fil-preżentazzjoni tar-risposta ġuramentata da parti tal-konvenuti.

Fir-rigward, l-atturi jidhru jinsistu li d-dispożizzjonijiet legali dwar il-parti miktuba tal-proċeduri ġudizzjarji huma tassativi; li huwa nkonsistenti li l-konvenuti ppreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom fis-6 ta' Awwissu, 2024 mentri għażlu li jippreżentaw ir-rikors sabiex jiġġustifikaw it-tardivita' fid-9 ta' Awwissu, 2024, u; li fl-aħħar mill-aħħar il-konvenuti f'din il-kawża huma tnejn u jekk il-konvenut ma' setgħax jippreżenta r-risposta fit-terminu effettiv kellha tieħu l-iżbriga l-konvenuta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-proviżżjonijiet relattivi għad-dispożizzjoni tat-talbiet bid-dispensa tas-smiegħ ta' kawża huma dawk imnissla fl-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, Liġijiet ta' Malta.

[28] Ref.: it-tielet (3) paragrafu tal-istess rikors li jaqra: *"Illi għalhekk teknikament huwa kellu żmien sal-31 ta' Lulju, 2024 biex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Kwindi r-risposta ġiet preżentata 5 ijiem tard."*
[29] Ref.: it-tielet (3) paragrafu tat-tali risposta li jinsab fil-paġna tal-istess li tinsab a fol 157 u l-paragrafu penultimu a fol 158.

Tali artikoli jipprovdu, *inter alia*, li f'kawża ta' kompetenza tal-qrati superjuri jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri fejn it-talbiet huma skond kif elenkat fl-Artikolu 167, *l-attur jista' jitlob fl-att stess tar-rikors ġuramentat li jiġi deċiż skont it-talba, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża.*[30] B'dan iżda li f'tali każijiet ir-rikors ġuramentat isir bil-miktub, skont il-formula stabbilita, u għandu jkun fih l-ordni lill-konvenut biex jidher quddiem il-qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija.[31]

B'dan li konvenut jista' jagħmel sottomissjonijiet tiegħu biex jattakka l-proċedimenti sommarji ttentati mill-attur bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ u dan permezz ta' nota li tiġi preżentata fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza.[32]

Meta l-konvenut jirnexxilu jattakka l-proċedimenti sommarji fuq il-bażi ta' irregolarità, jew inapplikabilità, jew meta jissodisfa lill-qorti li huwa għandu eċċezzjonijiet *prima facie* xi jressaq sabiex jopponi t-talba, jew iġib fatti jew punti ta' dritt li jitqiesu bħala biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba, jingħata lilu l-permess li jopponi l-azzjoni billi jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tad-digriet li jawtorizzah iressaq risposta.[33]

Fin-nuqqas li l-konvenut jidher f'l-ewwel dehra u jirnexxielu jattakka l-proċedimenti sommarji fuq il-bażi ta' irregolarità, jew inapplikabilità kif fuq ingħad; il-konvenut jibqa' kontumaċi, u l-qorti tiddeċiedi minnufih il-kawża, billi tilqa' t-talba tal-attur.

Applikati dawn il-prinċipji legali għal-każ odjern, u kif diġa' ingħad hawn aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni, fil-każ in mertu huwa ċar u nkontestat li darba ġie mogħti l-permess lill-konvenuti sabiex jopponu l-azzjoni attriċi billi jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tad-digriet li awtorizzhom hekk jagħmlu; dawn kienu tardivi fil-preżentazzjoni tar-risposta tagħhom.

Dan magħdud, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Lulju, 2005 fl-ismijiet ***SMS Insurance Agency Limited vs Irving & Co Limited***, ġie ritenut kif isegwi:

---

[30] Artikolu 167 subinċiż wieħed (1).
[31] Artikolu 167 subinċiżi tnejn (2) u tlieta (3).
[32] Artikolu 170.
[33] Artikolu 170 subinċiżi tnejn (2) u erbgħa (4).

*Huwa mistenni li wara li jigi notifikat bl-att promotur, il-konvenut iressaq id-difiza tieghu permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet skond kif jinghad fl-Artikolu 158 u jekk jonqos li jaghmel dan il-qorti tista' tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci;*

*Dan premess, huwa akkolt f'gurisprudenza pacifika illi "l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni, u hija din id-disubbidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali" – "**Joseph Vella proprio et nomine -vs- John Vella**", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993;*

*Intqal ukoll illi "indubbjament l-istitut tal-kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort' ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa" – "**Vivien Charmaine Mizzi -vs- Carmel Mizzi**", Appell, 13 ta' Lulju 2001; "**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet -vs- John Curmi**", Prim' Awla, 31 ta' Jannar 2003.*

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti  tal-Appell nhar it-22 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs Paul Stoner et***, ġie ritenut ulterjorment li:

*Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi l-kawza gusta biex il-parti ma tidhirx quddiem il-Qorti, ghalkemm ikunu saru kapitoli kontra taghha, ghandha tikkonsisti f'impediment legittimu li minhabba f'dak l-impediment il-parti ma setghetx tirrispondi ghall-kapitoli li saru kontra taghha". Ara "**Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani**", Appell Sede Inferjuri, 28 ta' April 1998.*

Għalkemm din l-aħħar deċiżjoni ċċitata kienet titratta kontumaċja f'kwistjoni fejn saru kapitoli bil-parti msejjħa tirrispondi għalihom naqqset milli tidher fis-seduta appuntata għal-qari tagħhom, il-prinċipju enunċjat fiha dwar "kawża ġusta" huwa applikabbli f'kull każ ta' kontumaċja.

B'dan illi, sabiex Qorti tilqa' talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, hija trid tkun sodisfatta li r-raġuni mogħtija hija waħda tajba ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap. 12 li fil-parti relattiva tiegħu jipprovdi kif isegwi:

*Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss.*

Fid-dawl ta' dan, issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar id-29 ta' Mejju, 1937 fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo,*** fejn ġew elenkati l-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tqis dwar talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja kif isegwi:

*1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*2. Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*

*4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*5. L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

Dawn l-istess prinċipji gew riaffermati f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani fosthom f'dawk mogħtija fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-***

***Xogholijiet Pubblici***, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili nhar it-12 ta' Diċembru 1975, u ***Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul*** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-13 ta' Jannar, 1999.

Fil-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited***, ġie ulterjorment ritenut li:

> *L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu - ta' natura punittiva - huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jsithoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza tal-imharrek - fatt fih innifsu pozittiv - hija invece mehtiega bhala parti mill-indagini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Novembru, 2015 fl-ismijiet ***Av. Dr. Tonio Fenech nomine vs. Interdrive Limited et*** ġie ritenut li:

> *L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioe` dik li ma jkunx jista` jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993* ***– "Vella pro et noe vs Vella" (Kollez. Vol. LXXVII.ii.170****). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosita` tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b`mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991* ***– "Vella pro et noe vs Ellul" (Kollez. Vol. LXXV.iii.729)****.*

B'dan iżda li darba t-termini stipulati mill-liġi huma ta' ordni pubbliku, il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni mogħtija minnha nhar il-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet ***Samchrome FZE vs. Danko Koncar et*** għamlet referenza għall-kawża ***Kenneth Abela vs. Aplan Limited et*** ukoll deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2008 fejn ġie ritenut illi:

> *Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares* ***ad unguem****, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula ("****Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);***
>
> *Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b'xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("****Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007).***

Applikati dawn il-prinċipji tal-ġurisprudenza nostrana għal każ in mertu, jirriżulta nkonfutabilment li fil-każ odjern il-konvenut Michael Cremona kien ben konxju li stante l-impediment personali tiegħu b'riżultat ta' mard kien ser ikun tardiv fil-preżentazzjoni tar-risposta ġuramentata preparata mid-difensur legali tiegħu.

Dan tant li l-istess konvenut jixhed li huwa ċempel lill-avukat tiegħu wara l-għoxrin (20) tax-xahar, kif kien istruwit li jagħmel minnu stante li r-risposta kellha tkun intavolata sal-31 ta' Lulju, 2024, b'dan li immedjatament qallu li kien qiegħed iħossu ma' jiflaħx. Hawn, żid jixhed l-istess konvenut, huwa segwa l-istruzzjonijiet tad-difensur legali tiegħu billi kkomunika ma' tabib u talbu li jiġi nvistat.

Jirriżulta li fil-fatt l-istess konvenut ġie nvistat fis-26 ta' Lulju, 2024 – qabel għalaq it-terminu għal-preżentazzjoni tar-risposta ġuramentata – b'dan iżda li ċ-ċertifikat mediku relattiv ġie rilaxxat lilu fil-5 ta' Awwissu, 2024 – wara li għalaq l-istess terminu.[34]

B'dan iżda li minkejja li ċ-ċertifikat mediku ġie rilaxxat lill-konvenut fil-5 ta' Awwissu, 2024, diġa' fis-26 ta' Lulju, 2024 il-konvenut kien konxju li huwa kellu jżomm iżolat sal-5 ta' Awwissu, 2024 – kif fil-fatt xehed tajjeb hu stess.

Din il-Qorti tqies li rinfaċċjat b'dan, il-konvenut Michael Cremona kellu diversi opzjonijiet disponibbli għalih, primarjament fosthom li jagħmel mezz li r-risposta ġuramentata tiegħu tkun fil-fatt ippreżentata fit-terminu opportun minn oħtu Angela Sultana, li kienet u hija wkoll konvenuta miegħu.

Il-konvenut Cremona xehed kjarament li ma' oħtu l-konvenuta kien f'kuntatt regolari tul l-iżolazzjoni tiegħu relattiva għall-pandemija u oħtu ġieli anke marret ħallietlu xi ħaġa wara l-bieb ta' dahru. Oltre dan, ir-risposta li fil-fatt tinsab in atti u li preċediet ir-rikors għal-ġustifikazzjoni tat-tardivita' fil-preżentazzjoni tagħha, ġiet fil-fatt magħmulha għan-nom ta' *"Michael Cremona et"*,[35] b'dan li anqas kien hemm impediment amministrattiv sabiex il-konvenuta Sultana, bħala konvenuta nominata formalment fl-okkju, tkun hi li twassal ir-risposta ġuramentata fir-reġistru tal-Qorti fit-terminu prefiss.

B'dan għalhekk li oddjuż kemm hi oddjuż l-istitut tal-kontumaċja, f'dan il-każ ċertament li ma' tistax titqies li teżisti raġuni valida għan-nuqqas tal-konvenuti sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja tagħhom għal-preġudizzju tan-neċessita li tinżamm id-dixxiplina u l-uniformita' fil-proċessi ġudizzjarji, minkejja li l-istess kontumaċja għandha effetti delibitanti notevoli fuqhom bħala sokkombenti għaliha.

**Deċide:**

[34] Ref.: ċertifikat mediku a fol 153, xhieda tal-konvenut Michael Cremona, xhieda tat-tabib kuranti tiegħu Dr. Peter Muscat.
[35] Ref.: ir-risposta ġuramentata a fol 150.

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-oġġezzjonijiet imressqa mill-atturi u tiċħad ir-rikors tal-konvenuti tad-9 ta' Awwissu, 2024 li bih talbu l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u l-ammissjoni tar-risposta ġuramentata ppreżentata minnhom fis-6 ta' Awwissu, 2024.

Bl-ispejjeż ta din id-deċiżjoni jibqaw riservati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur